**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial de Zamora (Spanja) fis-17 ta' Lulju 2015 – Javier Ángel Rodríguez Sánchez vs Caja España de Inversiones, Salamanca y Soria SAU (Banco CEISS)**

**(Kawża C-381/15)**

(2015/C 302/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Qorti tar-rinviju

Audiencia Provincial de Zamora

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Javier Ángel Rodríguez Sánchez

*Konvenut:* Caja España de Inversiones, Salamanca y Soria SAU (Banco CEISS)

### Domandi preliminari

1) Il-fatt li l-konstatazzjoni ta' nullità minħabba n-natura inġusta tal-klawżola dwar rata ta' interessi minima li ddaħħlet fil-kuntratt ipotekarju, tipproduċi retroattivament l-effetti tagħha mhux fid-data ta' konklużjoni tal-kuntratt iżda f'data sussegwenti, huwa kompatibbli mad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE [1], tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur?

2) L-applikazzjoni tal-klawżola inġusta matul il-perijodu ta' żmien stabbilit mill-Qorti Suprema tagħna tagħti lok għal arrikkiment indebitu favur il-parti kontraenti li hija bejjiegħ jew fornitur mhux previst mil-leġiżlazzjoni Komuntarju, peress li ma tistabbilixxix mill-ġdid l-ekwilibriju tal-provvista tas-servizzi bejn il-partijiet u tagħti vantaġġ lill-parti kontraenti li introduċiet il-klawżola finanzjarja ddikjarata inġusta?

3) Ir-riskju ta' tfixil serju għall-ekonomija nazzjonali bħala limitazzjoni fl-applikazzjoni u effetti ta' klawżola, japplika għal kawża individwali mressqa minn konsumatur jew bil-kontra, f'din il-kawża individwali, dan it-tfixkil serju huwa dak ikkawżat lis-sitwazzjoni finanzjarja tal-konsumatur minħabba l-limitazzjoni tal-effetti tal-klawżola nulla għall-perijodu ta' żmien indikat?

---

[1] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Lulju 2015 – Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Ungerija**

**(Kawża C-392/15)**

(2015/C 302/34)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Støvlbæk u K. Talabér-Ritz, aġenti)

*Konvenuta:* L-Ungerija

### Talbiet

— tikkonstata li, billi ssuġġettat l-eżerċizzju tal-professjoni ta' nutar għal rekwiżit ta' nazzjonalità, l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

— tikkundanna lill-Ungerija għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni tikkunsidra li rekwiżit ta' nazzjonalità għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' nutar huwa diskriminatorju u jikkostitwixxi ostakolu sproporzjonat għal-libertà ta' stabbiliment. Billi imponiet tali rekwiżit, l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.